# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **176/22 AD**

## NEIL BONAVIA (K.I. 0291890M)

**VS**

## 1. ZENITH TRADING LTD (C-71382)
## 2. LUCA PONGILUPPI (PASSAPORT NRU. YB3075167 U AA3717902)
## 3. AYNA KHAMMAEVA (PASSAPORT NRU. 51NO5909518)

**Seduta ta' nhar Il-Gimgha, 14 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi l-intimati huma debituri tar-rikorrent fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn Ewro (Eur21,200) flimkien mal-imghax u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mill-intimati lir-rikorrent, liema talba saret permezz ta' rikors tar-rikorrenti preżentat fl-ewwel (1) ta' Marzu 2022 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar l-ewwel (1) ta' Marzu 2022, ir-rikorrent Neil Bonavia kkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

    a. Illi fl-2020, ir-rikorrent kien avviċina l-intimati rigward diversi għamara li xtaq jixtri għal renovazzjoni ġewwa d-dar tiegħu;

    b. Illi wara diskussjonijiet mad-direttur tal-kumpanija, Luca Pongiluppi kif wkoll ma' Ayna Khammaeva, ir-rikorrent għamel ordni għall-għamara mal-kumpanija intimata;

    c. Illi l-kumpanija ħarġet *quotation* għal dan il-għan indirizzata lir-rikorrent bin-numru ta' referenza 73/2020 (kopja annessa u mmarkata bħala **Dok A**) u talbet li r-rikorrent jħallas il-prezz kollu ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u erba' Ewro u għaxar ċenteżmi (€23,704.10);

    d. Illi la kien ordna affarijiet mingħand l-istess kumpanija qabel taħt l-istess kundizzjonijiet ta' pagament u kollox kien wasal kif suppost, ir-rikorrent għadda l-ħlas ta' tlieta u għoxrin elf, u seba' mitt Ewro (€23,700.00) lil direttur tal-kumpanija Luca Pongiluppi kif kien mitlub, u kif kkonfermat fl-ircevuta mahruga mill-istess direttur Luca Pongiluppi (kopja tal-konferma annessa u mmarkata bħala **Dok B**);

    e. Illi r-rikorrent baqa' jkellem lir-rappreżentanti tal-kumpanija sabiex jara jekk kienx hemm xi progress rigward l-ordni tiegħu;

    f. Illi l-ebda prodott ma ġie kkonsenjat lir-rikorrent;

    g. Illi r-rikorrent affaċċja lill-intimati kemm il-darba fuq din il-problema minħabba l-fatt li l-prodotti li kien ordna ma kienu waslu qatt;

h. Illi f'Ottubru tas-sena 2021, Luca Pongiluppi wiegħed lir-rikorrent li kien se jħallsu lura s-somma li r-rikorrent kien ħallas stante illi l-prodotti qatt ma waslu għand ir-rikorrent;

i. Illi sal-ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf saru biss pagamenti mingħand il-kumpanija ntimata u min Luca Pongiluppi li jammontaw għal elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);

j. Illi għalhekk l-ammont li għandu jiġi rifuż lir-rikorrent mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom u/jew min minnhom huwa ta' wieħed u għoxrin elf u mitejn Ewro (€21,200);

k. Illi r-rikorrent jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati li qed jiġu minnu konfermati bil-ġurament;

l. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, inkluż permezz ta' ittra legali mibgħuta fl-1 ta' Diċembru 2021, annessa u mmarkata bħala **Dok C**, l-intimati baqgħu inadempjenti u dawn l-ammonti għadhom ma tħallsux lura lir-rikorrent;

m. Illi għalhekk kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri;

n. Illi l-ammont imsemmi ta' wieħed u għoxrin elf u mitejn Ewro (€21,200) huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt u għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u skond proċeduri speċjali sommarji kif stabbiliti fil-liġi, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrent, l-intimati m'għandhom ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jagħtu għall-azzjoni u għat-talbiet tar-rikorrent;

o. Illi peress li l-intimati Luca Pongiluppi u Ayna Khammaeva ma jifhmux bil-Malti dan l-att qed jiġi ppreżentat ukoll bil-linwa Ingliża kif rikjest mill-liġi;

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tiddispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* Tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta u tiddeċiedi din il-kawża skond proċedura speċjali sommarja;

   ii. Tiddikjara li l-intimati flimkien u solidalment bejniethom u/jew min minnhom huma veri, ċerti u likwidi debituri tar-rikorrent fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf u mitejn Ewro (€21,200) u li huma d-debituri tar-rikorrent għal dan l-imsemmi ammont, flimkien mal-imgħax bir-rata legali ta' 8% fis-sena mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza;

   iii. Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom u/jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrent l-imsemmija somma ta' wieħed u għoxrin elf u mitejn Ewro (€21,200);

   Bl-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tal-ittra legali li intbagħtet lill-kumpanija intimata datata l-1 ta' Diċembru 2021 annessa u mmarkata bħala **Dok C** u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Neil Bonavia datat l-ewwel (1) ta' Marzu 2022);

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe kopja tal-kwotazzjoni pprovduta mill-kumpanija intimata lir-rikorrent bir-referenza 'Proforma 73/2020' ddatata t-8 ta' Lulju 2020 (**Dok A**), kopja tar-rikonoxximent tal-ħlas ffirmat mid-direttur Luca Pongiluppi (**Dok B**), u kopja tal-ittra legali mibgħuta fl-1 ta' Diċembru 2021 (**Dok C**);

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tlieta (3) ta' Marzu 2022 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Hamis erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2022, b'ordni lill-intimati sabiex jidhru f'dik il-ġurnata u jwieġbu għat-

talba tar-rikorrent, u, li fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent;

7. Rat illi fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2022, il-kawza thalliet ghall-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2022 ghan-notifika tal-intimati, kif ukoll illi fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2022 l-kawza regghet thalliet ghan-notifika tal-intimati ghat-tnax (12) ta' Lulju 2022.

8. Rat illi fis-seduta tat-tnax (12) ta' Lulju 2022, il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti sabiex jinnotifika lill-intimati ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili permess tal-affissjoni u pubblikazzjoni;

9. Rat in-nota guramentata tas-socjeta' konvenuta Zenith Trading Limited preżentata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2022 li permezz tagħha hija ammettiet it-talbiet mressqa fil-konfront taghha.

10. Rat illi fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Ottubru 2022 giet ipprezentata nota ta' cessjoni mir-rikorrent fil-konfront tal-intimati Luca Pongiluppi u Ayna Khammaeva.

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

12. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi l-intimati kienu għadhom ma ġewx notifikati bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2022. In oltre, lanqas kienu ghadhom gew notifikati sas-seduta tat-tnax (12) ta' Lulju 2022, u kien għalhekk illi l-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawża għal darb'oħra. Madanakollu, fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 2022, l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li minkejja d-differiment li kien qed jintalab mill-avukat difensur tar-rikorrent, il-kawza tibqa' regolata a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement jidher illi filwaqt illi fl-ewwel tliet seduti ma seta jsir xejn stante illi l-konvenuti kienu ghadhom ma ġewx notifikati,

u in konsiderazzjoni tal-fatt illi s-sentenza qiegħda effettivament tingħata waqt is-seduta tal-lum, u cioe wara li s-socjeta' konvenuta Zenith Trading Ltd irregolat ruhha billi rregistrat ammissjoni ghat-talbiet rikorrenti u wara li r-rikorrent irregola ruhu billi ceda t-talbiet tieghu fil-konfronti tal-konvenuti Luca Pongiluppi u Ayna Khamnaeva, din il-Qorti **<u>sejra tikkonsidra l-ewwel talba sorvolata</u>**;

13. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talba** tar-rikorrent, il-Qorti tinnota illi:

    a. Jirriżulta (ii) illi r-rikorrent ghamel ordni ghall-ghamara mas-socjeta' intimata u hallas bil-quddiem il-prezz mitlub skond il-quotation lilu mogjtija (Dok. A annessa mar-rikors guramentat) ; u (iii) illi l-ghamara minnu ordnata qatt ma giet konsenjata lilu kif patwit u s-soċjeta' konvenuta rrifondiet lura biss l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u li hija ghalhekk ghad jonqosha tirrifondi s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn ewro (€21,200 ;

    b. Kienet is-socjeta' konvenuta Zenith Trading Limited stess illi permezz ta' nota preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settmebru 2022, irreġistrat ammissjoni ghat-talbiet imressqa fil-konfront taghha.

14. **In vista tal-ammissjoni tas-socjeta' intimata Zenith Trading Limited, fl-ammont kif debitament konfermat ukoll bil-provi miġjuba mir-rikorrent, <u>it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata</u> u għandha għalhekk tintlaqa';**

15. **Konsegwentement <u>għandha tintlaqa' wkoll it-tielet talba</u> tar-rikorrent fil-konfront tas-socjeta' intimata Zenith Trading Limited.**

16. **In vista tan-nota ta' cessjoni pprezentata mir-rikorrent fil-konfront tal-intimati Luca Pongiluppi u Ayna Khammaeva filwaqt li zamm id-drittijiet tieghu shah fil-konfront tas-socjeta' intimata Zenith Trading**

**Limited, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent fil-konfront ta' dawn iz-zewg intimati.**

**Decide**

17. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tiddikjara** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata;

**(ii)** **Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrent limitatament fil-konfronti tas-socjeta' Zenith Trading Ltd u tiddikjara illi s-socjeta' intimata Zenith Trading Ltd hija debitrici tar-rikorrent fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn ewro (€21,200) rappreżentanti rifuzjoni ghal bilanċ ta' prezz ta' ghamara li baqghet ma gietx ikkonsenjata lir-rikorrent.

(iii) **Tordna** lis-socjeta' intimata Zenith Trading Ltd thallas lir-rikorrent s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn ewro (€21,200), bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-effettiv pagament.

(iv) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti fil-konfront ta' Luca Pongiluppi u Anya Khammaeva.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**